# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju, 2001.**

**Numru 44**

**Citaz. Nru. 502/01GV**

**Carmen Vella ghan-nom u in rapprezentanza Ta' Franstan, gja' Franstan Limited, socjeta' kummercjali f'isem kollettiv.**

**vs**

**David Bianchi Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi permezz ta' kuntratt ta' lokazzjoni datat 17 ta' Lulju, 1989 (Dok. A), is-socjeta' attrici tat u kkoncediet b'titolu ta' lokazzjoni hanut bin-numru 336, Manuel Dimech Street, Sliema ghall-perjodu ta' hmistax il-sena li bdew jiddekorru mill-10 ta' Novembru, 1986 u li ghalhekk jiskadu fid-9 ta' Novembru, 2001;

Premess illi ai termini tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni l-kera hemm imsemmija hija pagabbli mis-socjeta' konvenuta kull tlett xhur bil-quddiem;

Premess illi s-socjeta' konvenuta hija moruza fil-hlas ta' cirka seba' skadenzi u nofs tal-kera dovuta ai termini tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni u precizament hija moruza fil-hlas tal-kera kollha dovuta mis-17 ta' Gunju, 1999 sad-data tal-iskadenza li jmiss u cioe' l-10 ta' Mejju, 2001;

Premess illi s-socjeta' konvenuta interpellata diversi drabi sabiex thallas inkluz b'ittra ufficjali datata 1 ta' Dicembru, 2000 (Dok. B) baqghet inadempjenti;

Premess illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf disa' mija u hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,905.75) oltre l-imghax legali rapprezentanti kera dovuta ai termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni mis-17 ta' Gunju, 1999 sad-data tal-iskadenza li jmiss u cioe' l-10 ta' Mejju, 2001;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut;

Premess illi ai termini tal-paragrafu 10 tal-istess kuntratt ta' lokazzjoni f'kaz ta' morozita fil-hlas ta' zewg skadenzi kera, jew f'ammont ekwivalenti, jew f'kaz illi s-socjeta' konvenuta tikser wahda jew aktar mill-kondizzjonijiet tal-istess kuntratt, u tibqa' hekk moruza jew inadempjenti sa zmien hmistax (15) il-gurnata minn notifika lilha ta' ittra ufficjali, is-socjeta' attrici tista' tesigi t-terminazzjoni tal-lokazzjoni;

Premess illi ghaldaqstant is-socjeta' attrici issa ghandha d-dritt li titlob u fil-fatt qed titlob it-terminazzjoni tal-lokazzjoni u l-izgumbrament tas-socjeta' konvenuta mill-fond in kwistjoni;

Premess illi in oltre, il-fond in kwistjoni u cioe' il-hanut bin-numru 336, Manuel Dimech Street, Sliema ilu maghluq ghal aktar minn ghaxar xhur,

u precizament minn Jannar tas-sena 2000 u l-fond issa jinsab fi stat mitluq u qed isirlu hsara bin- '*non uso*';

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddecidi l-kaz bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dan stante li s-socjeta' konvenuta ma ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet tas-socjeta' attrici;

Ghaldaqstant s-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet kollha fuq premessi tiddecidi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh skond l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12):

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disa' mija hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,905.75) oltre l-imghax legali rapprezentanti kera mhux imhallsa fuq il-fond 336, Manuel Dimech Street, Sliema bejn is-17 ta' Gunju, 1999 sad-data tal-iskadenza li jmiss fl-10 ta' Mejju, 2001;

2. Konsegwentement tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tizgombra mill-hanut bin-numru 336, Manuel Dimech Street, Sliema peress illi hija moruza fil-hlas tal-kera u talli zammet il-fond maghluq u ergo qed isirlu l-hsara bin- '*non uso*' u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha ffissat;

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata 1 ta' Dicembru, 2000 kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Margaret Debono;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni u tipprefiggi xahar zmien millum biex is-socjeta' konvenuta tizgombra mill-fond 336, Manuel Dimech Street, Sliema, bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**